MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 2/2009

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha John Caruana abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess John Caruana [ID 252357(M)]**

**vs**

**Joseph Cassar**

**It-Tribunal,**

## I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-Avviz l-atturi jigifieri Fogg Insurance Agencies Limited nomine u John Caruana ressqu TALBA biex il-konvenut Joseph Cassar jigi kundannat ihallashom, in linea ta' danni, rispettivament *quantum* ta' tmien mija, wiehed u tmenin Ewro tlieta u sittin centezmi (€88163c) u hamsa u hamsin Ewro (€55) (mela €936.63 b'kollox). Dan

in segwitu ghal incident li sehh il-Mosta fit-8 ta' April 2008 konsistenti filli tieqa fi blokk ta' appartamenti, Florida Flats, ta' propjeta' tal-konvenut waqghet fuq il-vettura nru JBC 558 ta' Joseph Caruana u li kienet assikurata mas-socjeta' attrici msemmija. Bl-ispejjes kif imsemmi fl-AVVIZ.

**Ra** li l-atturi thabtu biex jinnotifikaw b'dan l-Att lill-konvenut u rrikorrew ghall-mezz (ara fol 10 *a tergo*) ta' affissjoni mar-residenza kif murija fir-Rapport tal-Pulizija, mal-ufficju tal-Kunsill Lokali u l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar. Kien hemm ukoll avviz fil-gurnal The Malta Independent (ara *fol* 13-14) u fil-gazzetta tal-Gvern (*a fol* 8-9)

**Ra** li fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2009, fin-nuqqas ta' difiza tal-konvenut jew prezentata ta' Risposta il-kawza thalliet ghad-29 ta' Mejju 2008 ghas-subizzjoni. F'din l-udjenza l-kawza giet differita ghat-3 ta' Lulju 2009 ghal-istess skop.

**Ra** li fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2009, li ghaliha ma deher hadd, il-kawza giet deciza u dan it-TRIBUNAL (diversament presedut) ikkundanna lil Joseph Cassar ihallas il-*quantum* ta' €936.63c kif mitlub – bl-ispejjes u bl-interessi.

**Ra** li Joseph Cassar intavola kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Cit. 425/10/GCD kontra l-atturi odjerni fejn **talab** li s-sentenza msemmija ta' dana t-TRIBUNAL tat-3 ta' Lulju 2009 tigi mhassra ghax nghatat bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali, *audi alteram partem*. Dik il-Qorti, b'sentenza tat-30 ta' Gunju 2011, iddecidiet li s-sentenza fl-AVVIZ 2/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 instemghet u nqatghet bla ma Joseph Cassar inghata l-fakulta' jinstema. Ghalhekk is-sentenza ta' dana t-TRIBUNAL giet imhassra u l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat li l-atti jergghu jintbaghtu lit-TRIBNAL biex jisma l-kawza skond il-ligi.

**Ra** li hawn Joseph Cassar eccepixxa hekk:

1. Preskrizzjoni ai termini tal-art. 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Nuqqas ta' responsabilta' ghad-danni pretizi.
3. L-ammont mitlub hu esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Il-partijiet bdew biex ittrattaw l-ewwel eccezzjoni, u t-TRIBUNAL ra anke n-Nota' ta' Sottomissjonijiet elaborata minn kull parti u l-kawza giet differita ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

## II KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL

**Ra**

1. Li l-incident *de quo* sehh fit-8 ta' April 2008 u l-AVVIZ quddiem dan it-TRIBUNAL gie prezentat fis-6 ta' Jannar 2009, jigifieri fi zmien tajjeb. Li qed jargumenta Joseph Cassar hu li gie notifikat bl-AVVIZ fi zmien tard. Hawn ta' min isemmi li c-citazzjoni msemmi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (l-atti huma allegati mal-process tal-kawza tal-lum) giet intavolata fit-28 ta' April 2010 mentri l-incident sehh fit-2 ta' April 2010. Mhux maghruf kemm Joseph Cassar kien jaf bl-AVVIZ tal-lum qabel hu ntavola c-citazzjoni biex iwaqqa l-effetti tas-sentenza kontrih moghtija fuqu.

2. Il-Prim'Awla osservat li l-atturi odjerni kienu jafu bl-indirizz ta' Joseph Cassar fiz-Zebbug Ghawdex, **qabel** ma saru l-affissjonijiet u "minkejja dan, ma hadux hsieb illi l-affissjoni ssir hemmhekk, jew, ahjar, hemmhekk ukoll. Fi kliem iehor, l-affissjoni ma saritx fejn kellha ssir" (*ipsissimis verbis*). It-TRIBUNAL ma jistax ma jhossux vinkolat b'dan, u m'ghandux ghaliex jahseb mod'iehor.

3. It-TRIBUNAL ra s-sentenza tal-Appell Civili Inferjuri Cit nru 989/95/PS George Bonnici noe vs Nicholas Ellul et noe deciza fit-2 ta' Frar 2005 imma ma jhossx li hi applikabbli ghall-kaz prezenti li hu dwar notifika fil-hin ta' AVVIZ, xejn izjed u xejn inqas.

**KONKLUZZJONI**

Meqjus dak kollu kunsidrat hawn fuq it-TRIBUNAL ihoss li ghandu jilqa l-ewwel eccezzjoni dwar preskrizzjoni jichad it-TALBA tal-atturi u jillibera lill-konvenut Joseph Cassar. Fic-cirkostanzi, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------